MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 108/2013

**Baketech Suppies & Services Ltd**

**Vs**

**Ibrahim Yassine u Bibis International Ltd**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-4 ta' Frar 2014 l-attrici talbet il-hlas ta' erbatax-il elf tlett mija u tnejn u erbghin ewro (€14,342), bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' makkinarju.

Ghalkemm il-konvenuti gew notifikati bl-atti, ma wiegbux.

Waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2013 gie vverbalizzat:

*"Meta regghet issejhet il-kawza deheru d-difensuri tal-partijiet li kkonfermaw li l-Avukat Axiaq (difensur tal-attrici) ircieva s-somma ta' Eur 13,900 fi flus kontanti ghan-nom tal-attrici. Baqa' jsir hlas ta' bilanc, imghax u spejjez gudizzjarji."*.

Waqt is-seduta tal-lum id-difensur tal-attrici ddikjara li qeghda tirrinunzja ghas-sorte b'dan li ghad iridu jithallsu l-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji.

Evidentement it-talba hi gustifikata gialadarba jirrizulta li l-hlas sar wara li giet prezentata l-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tiddikkjara li t-talba ghall-hlas tas-sorte hi ezawrita.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-attrici:-**

**i. L-imghax ikun dovut skond id-data ta' skadenza ta' kull wahda mill-kambjali prezentata flimkien mar-rikors guramentat (Dok. A) sal-ammont ta' erbatax-il elf tlett mija u tnejn u erbghin ewro (€14,342) u kalkolat sat-8 ta' Mejju 2013.**

**ii. L-ispejjez gudizzjarji kollha inkluz dawk relatati ma' mandat kawtelatorji**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------